

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI 2020 — EAC/A02/2019

Il-Programm Erasmus+

(2019/C 373/06)

1. Introduzzjoni u għanijiet

Din is-sejħa għall-proposti hija msejsa fuq ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-"Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport ⁽¹⁾ kif ukoll fuq il-programmi ta' ħidma annwali Erasmus + tal-2019 u l-2020. Il-Programm Erasmus + ikopri l-perjodu mill-2014 sal-2020. L-għanijiet speċifiċi tal-Programm Erasmus+ jinsabu fl-Artikoli 4, 5, 11 u 16 tar-Regolament.

2. Azzjonijiet

Din is-sejħa għall-proposti tkopri dawn l-azzjonijiet tal-Programm Erasmus+:

L-Azzjoni Ewlenija 1 (KA1) — Il-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi

— Il-mobbiltà tal-individwi fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh

— Masters Konġunti Erasmus Mundus

L-Azzjoni Ewlenija 2 (KA2) — Koperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba

— Sħubijiet strateġiċi fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh

— Universitajiet Ewropej

— Alleanzi tal-għarfien

— Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali

— It-tiswir tal-kapaċità fil-qasam tal-edukazzjoni għolja

— It-tiswir tal-kapaċità fil-qasam taż-żgħażaġh

L-Azzjoni Ewlenija 3 (KA3) — Appoġġ għar-riforma politika

— Proġetti ta' Djalogu maż-Żgħażaġħ

Attivitajiet Jean Monnet

— Seduti Jean Monnet

— Moduli Jean Monnet

— Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet

— Appoġġ Jean Monnet għall-Assoċjazzjonijiet

— Netwerks Jean Monnet

— Proġetti Jean Monnet

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50.

L-Isport

- Sħubijiet kollaborattivi
- Sħubijiet kollaborattivi żgħar
- Avvenimenti sportivi Ewropej mingħajr skop ta' qligħ

3. Eliġibbiltà

Kull korp pubbliku jew privat li hu attiv fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport jista' japplika għal finanzjament mill-Programm Erasmus+. Barra minn hekk, il-gruppi taż-żgħażaġh li huma attivi fil-ħidma taż-żgħażaġh, iżda mhux bilfors fil-kuntast ta' organizzazzjoni taż-żgħażaġh, jistgħu japplikaw għal finanzjament fejn tidħol il-mobbiltà tat-tagħlim taż-żgħażaġh u tal-ħaddiema żgħażaġh kif ukoll għal Sħubijiet strateġiċi fil-qasam taż-żgħażaġh.

Dawn il-Pajjiżi tal-Programm jistgħu jieħdu sehem sħiħ fl-azzjonijiet tal-Programm Erasmus+ ^(?):

- l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,
- il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE: l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja,
- Il-pajjiżi kandidati tal-UE: It-Turkija, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.

Barra minn hekk, ċerti azzjonijiet tal-Programm Erasmus+ huma miftuħa għal organizzazzjonijiet minn pajjiżi sħab.

Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Programm Erasmus+ għal aktar dettalji dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni.

Għall-applikanti Brittaniċi: Jekk jogħġbok kun af li jrid ikun hemm konformità mal-kriterji tal-eliġibbiltà tul id-durata sħiħa tal-għotja. Fil-każ li r-Renju Unit joħroġ mill-UE matul il-perjodu tal-għotja finanzjarja mingħajr ma jiġi konkluż ftehim mal-UE li jiżgura b'mod partikolari li l-applikanti Brittaniċi jkomplu jkunu eliġibbli, int ma tirċevi aktar finanzjament mill-UE (filwaqt li tkompli tipparteċipa, fejn hu possibbli) jew tkun mitlub tiegħ mill-proġett abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim tal-għotja finanzjarja dwar it-terminazzjoni.

4. Il-baġit u t-tul tal-proġetti

-implimentazzjoni ta' din is-sejħa għall-proposti hija suġġetta għad-disponibbiltà tal-appropriazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit għall-2020 wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2020 mill-awtorità tal-baġit jew jekk il-baġit ma jiġix adottat kif previst fis-sistema tad-dodiċeżmi proviżorji.

L-istima tal-baġit totali allokata għal din is-sejħa għall-proposti hija EUR 3 207,4 miljuni:

L-Edukazzjoni u t-Taħriġ:	EUR	2 943,3 miljun ⁽¹⁾
Iż-Żgħażaġħ:	EUR	191,9 miljun
Jean Monnet:	EUR	14,6 miljun
L-Isport:	EUR	57,6 miljun

⁽¹⁾ Dan l-ammont jinkludi fondi għad-Dimensjoni Internazzjonali tal-Edukazzjoni Għolja (EUR 395 miljun b'kollox).

Il-baġit totali allokata għas-sejħa għall-proposti, kif ukoll it-tqassim tiegħu huma indikattivi, u jistgħu jiġu mmodifikati soġġett għal emenda tal-Programmi ta' Ħidma Annwali tal-Erasmus+. L-applikanti potenzjali mistiedna jikkonsultaw regolarment il-Programmi ta' Ħidma Annwali Erasmus + u l-emendi tagħhom, ippubblikati fuq

https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/annual-work-programmes_en

fir-rigward tal-baġit disponibbli għal kull azzjoni koperta mis-sejħa.

Il-livell tal-għotjiet kif ukoll it-tul tal-proġetti jvarja skont fatturi bħat-tip ta' proġett u l-għadd ta' sħab involuti.

⁽²⁾ L-attivitajiet Jean Monnet huma miftuħa għal organizzazzjonijiet minn madwar id-dinja kollha.

5. L-iskadenza biex jitressqu l-applikazzjonijiet

L-iskadenzi tal-applikazzjonijiet imsemmija hawn taħt kollha jirreferu għall-ħin ta' Brussell.

Azzjoni Ewlenija 1	
Il-mobilità tal-individwi fil-qasam taż-żgħażaġh	5 ta' Frar 2020 f'12.00
Il-mobbiltà tal-individwi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja	5 ta' Frar 2020 f'12.00
Il-mobbiltà tal-individwi fl-oqsma tal-ETV, l-edukazzjoni skolastika u l-edukazzjoni għall-adulti	5 ta' Frar 2020 f'12.00
Il-mobilità tal-individwi fil-qasam taż-żgħażaġh	30 ta' April 2020 f'12.00
Il-mobilità tal-individwi fil-qasam taż-żgħażaġh	1 ta' Ottubru 2020 f'12.00
Masters Konġunti Erasmus Mundus	13 ta' Frar 2020 fil-17.00
Azzjoni Ewlenija 2	
Sħubijiet strateġiċi fil-qasam taż-żgħażaġh	5 ta' Frar 2020 f'12.00
Sħubijiet strateġiċi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ	24 ta' Marzu 2020 f'12.00
Sħubijiet strateġiċi fil-qasam taż-żgħażaġh	30 ta' April 2020 f'12.00
Sħubijiet strateġiċi fil-qasam taż-żgħażaġh	1 ta' Ottubru 2020 f'12.00
Universitajiet Ewropej	26 ta' Frar 2020 fil-17.00
Alleanzi tal-ġharfien	26 ta' Frar 2020 fil-17.00
Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali	26 ta' Frar 2020 fil-17.00
It-tiswir tal-kapaċità fil-qasam tal-edukazzjoni għolja	05 ta' Frar 2020 fil-17.00
It-tiswir tal-kapaċità fil-qasam taż-żgħażaġh	5 ta' Frar 2020 fil-17.00
Azzjoni Ewlenija 3	
Proġetti ta' Djalogu maż-Żgħażaġħ	05 ta' Frar 2020 f'12.00 30 ta' April 2020 f'12.00 1 ta' Ottubru 2020 f'12.00
Azzjonijiet Jean Monnet	
Sedji, Moduli, Ċentri tal-Eċċellenza, Appoġġ għall-Istituzzjonijiet u għall-Assoċjazzjonijiet, Netwerks, Proġetti	20 ta' Frar 2020 fil-17.00
Azzjonijiet tal-Isport	
Sħubijiet kollaborattivi	2 ta' April 2020 fil-17.00
Sħubijiet kollaborattivi żgħar	2 ta' April 2020 fil-17.00
Avvenimenti sportivi Ewropej mingħajr skop ta' qligħ	2 ta' April 2020 fil-17.00

Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Programm Erasmus+ għal aktar struzzjonijiet dettaljati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

6. Dettalji sħaħ

Ara l-kundizzjonijiet ta' din is-sejħa għall-proposti fid-dettall, inklużi l-prijoritajiet, fil-Gwida tal-Programm Erasmus+:

<http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/programme-guide>

Il-Gwida tal-Programm Erasmus+ tiffurma parti integrali minn din is-sejħa għall-proposti u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u l-finanzjament li jissemmew fiha japplikaw bis-sħiħ għal din is-sejħa.
